**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Jurgen Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 334/13**

**Illum, 17 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jurgen Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 543592M akkuzat talli fix-xahar ta' Dicembru 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'hinijiet diversi, liema atti kissru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, waqt li kien qieghed jahdem gewwa Penderplace, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew mil-vicinanzi:

Seraq diversi oggetti minn Apt Blk 15 13 Penderplace, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew mil-vicinanzi ghad-dannu ta' Rienzi Felix Moritz Fernando, Manuel Thiede u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikwalifikat bil-'valur' (aktar minn Euro 2,329.97), 'hin', 'mezz' u bil-'persuna'.

Talli seraq flus kontant minn Apt 1001, Penderplace, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew mil-vicinanzi ghad-dannu ta' Peter Paul Diacono u/jew persuni

ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikwalifikat bl-'valur' (aktar minn Euro 232.94 pero' anqas minn Euro 2,329.97), 'hin', 'mezz' u bil-'persuna'.

Talli seraq diversi oggetti minn App 1131, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew mil-vicinanzi ghad-dannu ta' Raymond Runzo u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikwalifikat bl-'valur' (aktar minn Euro 232.94 pero' anqas minn Euro 2,329.97), 'hin', 'mezz' u bil-'persuna'

Talli seraq diversi oggetti minn Apt 1322, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew mil-vicinanzi ghad-dannu ta' Ebrahim Belghasm Alriani u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikwalifikat bl-'valur' (aktar minn Euro 2,329.97), 'hin', 'mezz' u bil-'persuna'.

Talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, fl-istess hinijiet, post u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014) fejn huwa elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

- Fl-artikoli 261(c), (f), (b), (d), 267, 270, 263(a), 268(d), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(c), (f), (b), (d), 267, 270, 263(a), 268(d), 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(c), (f), (b), (d), 267, 270, 263(a), 268(d), 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 261(c), (f), (b), (d), 267, 270, 263(a), 268(d), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti fosthom il-filmat esebit f'dawn il-proceduri kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Illi jinghad illi l-imputat qed jiffaccja akkuzi ta' serq fuq il-post tax-xoghol tieghu u cioe' f'Pendergardens, f'San Giljan fix-xahar ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) u fix-xhur ta' qabel fejn allegatament huwa seraq xi oggetti minn xi appartamenti fejn huwa kien jahdem bhala *maintenance/security*.

Illi rrizulta li xi ftit minn dawn l-oggetti gew misjuba fir-residenza tal-imputat wara li l-pulizija kienet wettqet mandat ta' tfittxija fir-residenza tieghu u ghalhekk dawn gew ritornati ghand il-legittimi sidien.

B'dan is-subartikolu, il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin qed tigi estiza ghal tali ghaqda mwaqqfa Malta li jkollha bazi jew li tmexxi l-attivitajiet kriminali taghha barra minn Malta (ara App. Nru. 537/14 DS - Il-Pulizija v. Fabio Zulian).

Illi f'dan l-istadju l-Qorti dejjem tfakkar u ticcita gurisprudenza nostrana u kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn il-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri hu dak il-grad li ma jhalli l-ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni (ara mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Peter Ebejer, deciza 5/12/1997***). Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni *proof beyond a reasonable doubt* u nghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi dan qed jinghad ghaliex ghalkemm f'dawn il-proceduri ngabu hafna provi cirkostanzjali bhal per ezempju r-ritratti tal-imputat hiereg bit-*trolley* mimlijin boroz f'certu okkazjonijiet (Dok TM7) izda liema ritratti ma gewx ikkorroborati mill-prezentata tal-filmat originali. Ingabu wkoll l-elenku tax-xiftijiet tal-imputat fix-xahar tal-allegat reati fejn juri li l-imputat u l-hinijiet tax-xoghol tieghu. Ingabet ukoll il-prova li ftit mir-refurtiva kienet instabet fir-residenza tal-imputat. Irrizulta wkoll illi mill-postijiet ma kienx hemm sgass li allura jfisser li l-malvivent kellu c-cavetta.

Izda jinghad li dawn il-provi cirkostanzjali kollha ma humiex bizzejjed sabiex jigi ppruvat is-serq u dan ghaliex kif inghad f'diversi sentenzi nostrani bhal per

ezempju fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta’ Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn intqal li:

*“Il-prova indizzjarja ta’ spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika”.*

Ukoll fil-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta’ Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*“Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi”.*

Fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta’ April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

*“Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.”*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact".... F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of ...".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the*

> *possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi ghaldaqstant il-fatt illi fl-ebda post fejn gie allegat is-serq ma gie rriskontrat l-ebda impronta digitali tal-imputat u dan kif hareg mid-depozizzjoni tal-espert imqabbad mill-Qorti Joseph Mallia fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014) li kien nominat sabiex issir il-komparazzjoni tal-marki tas-swaba misjuba fuq il-*locus delicti* ma' dawk tal-imputat huwa signifikanti.

Il-fatt li l-imputat jidher hiereg b'xi boroz minn xi *lift* ma jfisser xejn l-anqas ghaliex huwa fil-fatt kien jahdem hemmhekk, kellu access ghal dak il-post fejn

kien jidher hiereg (jew almenu dan ma giex innegat minn Mark Caruana li jirraprezenta s-socjeta' FM Core li maghha kien impjegat l-imputat) u effettivament l-ebda wiehed mir-ritratti esebiti ma kien identifikat xi oggett li seta' jixxiebah ma' xi oggett tar-refurtiva.

Punt iehor hu li meta l-imputat gie rinfaccjat b'xi oggetti tar-refurtiva li nstabu fir-residenza tieghu, huwa mill-bidu qal illi dawn bieghhomlu certu Toni li kien iltaqa' mieghu d-Detox u ta' spiss kien jarah fil-vicinanzi tal-post tax-xoghol tieghu. Huwa ta certu dettalji ta' dan Toni bhal per ezempju x'karrozza kien isuq u kemm xtara dawn l-oggetti. Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu wkoll jaghti x'jifhem illi huwa kien jaf li dawn l-oggetti kienu misruqin u xorta wahda ddecieda li jixtrihom.

Illi rrizulta li ghalkemm dan Toni ma ngabx bhala xhud jekk biss jezisti, il-prosekuzzjoni ma ppruvatx tirrintraccjah biex tara jekk l-iskuza tal-imputat kellhiex mis-sewwa u dan il-fatt fl-opinjoni tal-Qorti jdghajjef aktar it-tezi tal-prosekuzzjoni a rigward is-serq.

Illi finalment, u meta tghaqqad il-provi migjuba kollha, din il-Qorti ma tistax tasal b'konvinciment morali minghajr ombra ta' dubju li l-imputat ikkommetta s-serqiet addebitati lilu izda pero' li l-imputat xtara hwejjeg li kien jaf li kienu misruqa giet ippruvata u dan ghaliex il-grad tal-prova ghar-reat ta' ricettazzjoni huwa anqas minn dak ta' serq. Dak li ghandu jigi ppruvat huwa biss il-konoxxjenza li l-oggett huwa misruq u dan kien ben konxju tieghu l-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 u l-Artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta illi l-ewwel (2), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi ma gewx ippruvati u ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat minnhom, izda il-hames (5) akkuza giet ampjament ippruvata u ghalhekk issib

lill-imputat **Jurgen Farrugia** hati biss ta' din l-akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal hmistax-il xahar (15) prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**